# Il-Perit Luigi Portelli



Il-Perit Luigi Portelli, magħruf aħjar bħala Wiġi, twieled fl-10 ta' Mejju 1911. Bin Mikiel u Kristina nèe Camenzuli, Wiġi kien l-akbar fost ħamest aħwa. Luigi ġie mgħammed fil-Kolleġġjata tal-Għarb mill-Arċipriet tal-Kolleġġjata, Franġisk Saverju Debrincat.

Luigi twieled f'familja ta' qassisin. Fil-fatt, il-Perit Portelli kellu ħames zijiet qassisin, kollha ħut missieru: L-Arċipriet tal-Gharb, Mons. Carmelo Portelli, Prelat Domestiku tal-Q.T. il-Papa; Il-Kanonku Salvatore Portelli (Dun Salv), l-ewwel Kappillan ta' San Lawrenz; Monsinjur Ġużeppi Portelli, li ħa ħsieb il-bini tal-Knisja ta' Ta' Pinu, minn kappella ċkejkna għal kif nafuha llum; Dun Piju Portelli, li kien joqgħod San Lawrenz; u Dun Grezzju Portelli.

Mikiel, missier Wiġi, kien ħaddied fl-Għarb. Għal xi żmien, Mikiel kien jaħdem ma' missieru. Meta missieru refa' mix-xogħol, Mikiel kompla bix-xogħol ta' ħaddied fl-istess ħanut. Kienu familja ta' ħaddieda. Fil-fatt, l-ewwel sikkina tal-Għarb għamilha missier Mikiel, Wiġi.

Wara xi snin Mikiel għalaq il-ħanut tax-xogħol u rama bil-mana tad-dqiq li kien xtara mingħand Turner, kumpanija li kienet ibbażata f'*Ipswich*, l-Ingilterra. Din kienet taqdi lin-nies tal-Għarb, lill-irħula ta' madwar kif ukoll dawk aktar imbegħdin bhal Ta' Sannat u l-Qala.



Il-ħajja skolastika ta' Wiġi kienet mimlija suċċessi. Wara li attenda l-iskola 'elementari' tal-Gvern daħal bħala intern fis-Seminarju ta' Għawdex, fejn spikka fost sħabu b'riżultati tajbin u bir-rebħ ta' diversi medalji. Wara s-Seminarju, imħajjar qatigħ minn Anton Buttigieg, student fl-istess klassi s-Seminarju, u aktar tard President tar-Repubblika, daħal il-kulleġġ ta' San Alwiġi fis-sena 1929 bħala intern biex jipprepara ruħu għall-Matrikola u għadda bl-unuri.

Wiġi ħa l-kors ta' Perit u ggradwa fl-1939. Ftit wara, bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija. Wiġi ġie mgħajjat għas-servizz militari bħal sħabu l-periti tal-kors. Beda bħala fizzjal mal-inġiniera Ingliża u spiċċa kaptan.

Meta ntemmet il-Gwerra, Wiġi beda jaħdem ta' perit għal rasu. L-Oratorju ta' Don Bosco huwa wieħed mix-xogħlijiet li ddisinja fil-privat.

Wiġi ma damx ma ntalab mill-Gvern biex jagħti s-servizzi tiegħu fil-qasam tal-inġiniera marbuta mal-ilma, qasam li kien speċjalizza fih mal-inġiniera Ingliżi matul il-Gwerra. Il-Perit aċċetta l-offerta u daħal mal-Gvern bhala 'Senior Water Engineer'. Fil-kariga tiegħu ta' maniġer ħa ħsieb it-tħaffir ta' mini għall-ilma f'Ta' Kandja, San Niklaw u bnadi oħra. Il-Perit Portelli ħa ħsieb ukoll il-bini ta' numru ta' mħażen tal-ilma.

Barra xogħlijiet f'Malta, il-Perit Portelli ħa ħsieb il-ġibjun ta' Għarb Ilma f'Għawdex. Dan il-ġibjun taffa mhux ftit it-tbatija tan-nies tal-Għarb li qabel kien ikollhom jistennew sa tard billejl biex jimlew l-ilma mill-għajn tal-Gvern. Xogħlijiet utli oħra li ħa ħsieb il-Perit kienu l-ilqugħ fil-widien, xogħol li sar biex l-ilma tax-xita ma jibqax sejjer il-baħar. Bis-saħħa tiegħu, l-ilma tal-Qattara twassal sa ħdejn il-kmamar tad-Dwejra.

F'April tal-1969, waqt li kien nieżel isuq lejn Marsalforn, il-karozza skidjat fuq iż-żrar li kien jintefa' fuq l-asfalt. Il-Perit Portelli ttieħed l-isptar ta' Għawdex u wara dak ta' San Luqa. Fl-20 t'April, ftit ġranet wara li seħħ l-inċident, il-Perit Portelli miet bla mistenni.

Għall-funeral ta' Wiġi attendew ħafna nies. Sħabu l-periti u oħrajn baqgħu sejrin warajh sal-Marfa, u wħud minnhom saċ-ċimiterju tal-Għarb fejn indifen fil-qabar tal-familja.

***Patrick Formosa***